# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 4:** Jitwieled għalina

**Lezzjoni 4.3:** Dan kien tassew Milied

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jaqraw l-istorja tal-Milied tal-1914.
2. Jisiltu minnha x'iġib il-veru ferħ tal-Milied.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Powerpoint: Il-Milied tal-1914
- Vidjow: Peaceful World
  http://www.youtube.com/watch?v=DIdLVs1Q1iIworld
- Karta ta' Taħriġ: 4.3



**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Aqra l-istorja: Il-Milied tal-1914, filwaqt li turi l-ppt li jġib l-istess isem.
- Ħalli lill-istudenti jagħtu l-ideat tagħhom dwar x'ġara.
- Imbagħad staqsi:
  - Kif urew u ġabu rwieħhom ma' xulxin is-suldati?
  - Kif riedu li jqattgħuh il-Milied?
  - Kif kienu jħarsu lejn il-festa tal-Milied?
  - X'kienu jifhmu bil-Milied?
  - U intom x'tifhmu bil-Milied?



**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**



- <u>Staqsi</u>: X'qalu s-suldati?

- Iffoka kif huma xtaqu li jiċċelebraw il-Milied - fil-paċi. Xtaqu li jqattgħuh flimkien bħala familja. Staqsi lill-istudenti kif urewh dan is-suldati. It-tweġibiet ikunu: billi taw rigali lil xulxin, tkellmu dwar il-familji tagħhom, tkellmu bħala ħbieb kbar u qattgħu l-ħin fil-logħob tal-ballun.

- Staqsi: U meta raw hekk, x'għamlu n-nies tar-raħal tal-madwar? Qasmu r-rigali u ferħu mas-suldati.

  - Spjega lit-tfal li l-paċi ġġib il-ħbiberija u l-għaqda bejn kulħadd. Uri x'ġabet il-gwerra?-mibegħda, qtil,kefrija u għedewwa. X'kellhom jaghmlu s-suldati minħabba l-gwerra? Xtaquh dan? Fakkarhom fil-ferħ li qasmu flimkien.

- Iffoka fuq is-sbuħijia tal-paċi, l-għaqda u mħabba – li huwa l-veru Milied! Dan hu dak li ħassew is-suldati Ingliżi u Ġermanizi fil-gwerra tal-1914 fi Franza. Dawn għenuhom milli jiftakru fil-kruha tal-gwerra.

- Iftaħ il-Ktieb tal-Attivitajiet 4.3. Aqra s-silta mogħtija u spjegaha ħafif. Fi gruppi ħalli lill-istudenti jaħdmu Attività A u Attività B. Wara ara li jsir qsim ta' ideat dwar dak li jkun inkiteb.

- Aqra Attività C u fuq bażi ta' klassi aħdem din l-attività billi toħloq diskussjoni dwarha.

- Fakkar li l-ħbiberija ma tinbeniex fuq dak li ħa niggwadanja, imma fuq kemm ħa nagħmel lil ħaddieħor kuntent. Dan xi kultant ifisser li rrid inbati.

- Staqsi: Kieku l-Kmandanti ma ordnawx gwerra kienu jmutu ħafna suldati? Kienu jisparaw fuq dawk li saru ħbieb tagħhom? X'baqa' jissemma minn din l-istorja- il-mibegħda jew il-ħbiberija ta' bejniethom?

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Alla twieled biex iġib l-paċi fostna.

2. Il-ferħ u l-għaqda huwa l-veru Milied!

3. Ngħidu 'grazzi' lil Ġesù talli tana mħabbtu!



**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**



- Niftakru li l-veru Milied hu l-paċi, l-imħabba u l-għaqda ta' bejnietna.
- Li Ġesù ġab fostna hena u ferħ lid-dinja meta twieled ġo dak l-għar fqajjar.
- Li ngħidu 'le' għall- gwerer u l-ġlied fostna. Naħdmu biex fostna jkun hemm il-paċi u mhux il-piki.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Uri vidjow:

http://www.youtube.com/watch?v=DIdLVs1Q1iIworld:



**Nitolbu**

Mulej, illum ser nitolbu għal dawk il-pajjiżi li jinsabu f'biżgħa kbir minħabba li għaddejjin minn gwerer bejniethom.

